# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU:2488

**Kaz Numru : 3455/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Giuseppe Pianciamore (KI: 18588 A)**

**u**

**Seaport Franchising Limited (C 26395)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M. Qual, B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 4 ta' Lulju, 2017**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors pprezentata mir-rikorrent Giuseppe Pianciamore fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-21 ta' Marzu, 2016, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu minn mas-socjeta' intimata, ma hijiex gustifikabbli taht Artikolu 36(14) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta,u talab lit-Tribunal joghgbu jaghti l-provvedimenti kollha opportuni ai temini tal-Artikolu 36(11) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u li jillikwida kumpens adekwat ghad-danni sofferenti mir-rikorrenti sforz tali terminazzjoni.

Minn naha taghha s-Socjeta ntimata Seaport Franchising Limited fir-risposta taghha qalet li t-talba tar-rikorrenti hija legalment u fattwalment insostenibbli u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, stante illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, ic-cirkostanzi li wasslu sabiex l-impjieg tar-rikorrenti mas-socjeta' esponenti jigi mitmum kienu validi u gustifikati, u dan in kwantu r-rikorrent kien qed jonqos ripetutament milli jaderixxi u jezegwixxi struzzjonijiet u direttivi illi kien jircievi mid-direttarji tieghu. Is-socjeta tghid ukoll li din it-tkeccija kienet preceduta minn diversi avvizi bil-fomm li nghataw lir-rikorrent.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kifipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

**Rapprezentanza**

Giuseppe Pianciamore, li minn issa l-quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit mill-Avv. Jasmine Abela u aktar tard mill-Avv. Maurice Meli

Seaport Franchising Limited li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata, kienet irraprezentata mill-Avukat Graziella Bezzina. Aktar tard ghas-socjeta' dehru l-Avv Tanya Sciberras u l-Avv Francesca Baldacchino li ssostitwew lil Avv Bezzina.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien gie ingaggat mas-Socjeta' ntimata bhala kok fuq bazi part-time u sussegwentament fuq bazi full-time permezz ta' kuntratt definittiv ghal perjodu ta' bejn l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) u l-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) (Dok A), liema kuntratt, dan it-Tribunal jinnota li mhux iffirmat mill-appellant.

Ir-rikorrent ta' spiss ilmenta mill-kundizzjonijiet tax-xoghol u l-mod u manjiera illi s-socjeta' intimata kienet tiggestixxi r-restaurant taghha bl-isem Hard Rock Café Malta gewwa San Giljan. Nhar it- 22 ta' Frar 2016, is-socjeta ntimata itterminat l-impjieg tar-rikorrent abbazi tal-allegazzjoni illi huwa naqas milli jezegwixxi xogholu skont kif maqbul, kif fil-fatt tikkonferma l-ittra mibghuta mill-ETC (Dok B). Ir-rikorrent fir-rikors promotur jghid ukoll li gie tterminat principalment ghaliex qabez ghad-drittijiet tieghu fost ragunijiet ohra. Oltre minn hekk, l-esponent iddikjara illi qatt ma nghata ebda forma ta' twissija, izda minflok gie mkecci immedjatament fit- 22 ta' Frar 2016. Minn naha taghha s-socjeta' ntimata fir-risposta taghha qalet li c-cirkostanzi li wasslu ghat-temm tal-impjieg tieghu huma validi u gusti ghax repetutament naqas milli jaderixxi u jezegwixxi struzzjonijiet u direttivi illi kien jircievi mid-direttarji tieghu.

**Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Shandelle Azzopardi** Director of Operations bdiet billi qalet li ilha mpjegata mal-Kumpanija minn Gunju 2015 u b'kollox lahqet lir-rikorrent sa ma gie tterminat disa' xhur minn Gunju 2015 sa Frar 2016. Hija qalet li ma kienitx tahdem dirett mieghu fil-kcina imma taf li xogholu kien fil-Prep area fejn jigu ppreparati zlazi, lahmijiet u bhal kull persuna ohra r-rokorrent kien in charge minn stock rotation, first in,first out tal-prodotti, li jirreferu ghaliha bhala Sistema FIFO. Qalet ukoll li kien hemm numru ta' nuqqasijiet u hi u Ryan gibdulu l-attenzjoni verbalment diversi drabi. In-nuqqasijiet kienu jikkonsistu fi prodotti skaduti li jithallew li jigu mqassma fid-diversi hwienet tas-socjeta' intimata. Hija qalet li ghandha wkoll fil-pussess taghha ritratti ta' prodotti bit-tabella skaduta u li gibdet dawn ir-ritratti hi stess. Hija qalet ukoll li mar-rikorrent kien hemm persuna ohra tahdem mieghu fil-prep area jismu Antonio Spampinato u li accetta li l-affarijiet iridu jitjiebu tant li ghadu mpjegat maghhom u wara anke ha promozzjoni u issa huwa supervisor fil-prep area. Hija qalet li fis-26 ta' Jannar 2016 sar Kitchen Staff Department Meeting u li ghalih attenda wkoll ir-rikorrent. F'dan il-meeting gew elenkati n-nuqqassijiet osservati u l-General Manager iffoka fuq punti ta' kif ghandhom jimxu l-affarijiet, fost affarijet li ssemew kien hemm il-FIFO. In kontro ezami ghal mistoqsija ghala kien hemm diversi drabi fejn ir-

rikorrent ma mexiex mal-proceduri li xtaqet is-socjeta intimata u fl-istess hin qatt ma saret twissija bil-miktub ix-xhud qalet li peress li ma kinitx ilha li mpjegat ruhha ma hassitx li ghandha ttih twissija bil-miktub, imma temmen ukoll li dan kien zball minn naha taghha u llum temmen li kien ahjar kieku hargitlu twissija bil-miktub. Dr. Abela fl-istess kontro ezami staqsietha ghala mela mbaghad keccietu. Ix-xhud qalet li hija kull ma qaltlu hu, li jekk mhux ha timxi ma dawn il-proceduri tista' titlaq. Waqt il-kontro-ezami x-xhud qalet ukoll li t-tkeccija saret b'mod verbali imma fl-istess gurnata kkomunikat din it-tkeccija b'email. Hija kkonfermat li kien hemm diversi nuqqasijiet fosthom l-ammont ta' Managers, General Manager, Kitchen Manager imma on a day to day basis dejjem kien hemm Manager on duty. Mix-xhieda waqt il-kontro-ezami hareg ukoll li bejn id-data tal-produzzjoni u d-data tal-iskadenza, u-t-tkeccija tar-rikorrent ghaddew diversi granet. Qalet ukoll li fuq il-labels ikun hemm id-data tal-produzzjoni u ma tidhirx dik ta' l-iskadenza minkejja li tkun irregistrata fuq il-makkinarju li johrog il-labels, proprju biex ma jbaghbsux maghha. Qalet ukoll li hu ma tkecciex minhabba d-dati ta' skadenza imma tkecca minhabba li ddikjara li ma jistax jaghmel l-affarijiet kif suppost, cjoe, kif tablet li jsiru s-socjeta'. Ix-xhud ma setghetx tikkonferma liema apparat uza r-rikorrent waqt xogholu. Ix-xhud giet mistoqsija ghala ma hargitlux warning minflok tkeccija meta r-rikorrent allegatament qallha li ma jistax jobdi r-regolamenti, hija qalet li diga kienet wissietu u kien sar seminar xahar qabel fuq il-proceduri li jridu jigu osservati.

Hija kkonfermat li normalment issir sospensjoni bhala parti minn process ta' dixxiplina imma fil-kaz tar-rikorrent kienet tkeccija nstantanja ghax wera li mhux ha jikkollabora. Is-socjeta' ma thaddanx Ftehim Kollettiv u timxi mal-ligi billi l-ewwel taghti twissijiet. It-twissija li ha r-rikorrent kienet fil-forma tas-seminar.

**Ryan Bonnici:** Xehed ukoll Il-General Manager fejn beda billi qal li ilu mpjegat mas-socjeta' sena u tliet xhur Huwa qal li xogholu hu li josserva ir-regolamenti u f'dan l-kaz partikolari ghal food handling u food safety. Qal ukoll li xogholu hu wkoll li jara li kull impjegat ikun inghata it-training baziku, kors li jinghata kull hames snin, li huwa kors Ewropew. Qal ukoll li bhala gwida l-haddiema ghandhom tabelli mwahhlin fil-kcina li turi dati ta' skadenza tal-prodotti u facli ssegwiha jekk tkun taf taqra u tikteb. Huwa kkonferma li kienu jafu li hemm certi nuqqasijiet (u dan mhux biss mir-rikorrent) u allura giet organizzata l-laqgha tas-26 ta; Jannar biex jigu diskussi dawn in-nuqqasijiet. Dan sehh f;Jannar u r-rikorrent u x-xhud baqghu jitkellmu ghal kwazi xahar sa ma eventwalment gie tterminat l-impjieg tar-rikorrent, f'liema xahar komplew flimkien jippruvaw itejbu l-affar ijiet billi r-rikorrent jindika n-nuqassijiet u x-xhud jaghgixxi fuqhom, ezempju nxtara aktar apparat, twal il-hin tal-preparazzjoni u zdiedu n-nies minn 2 ghal 3 u gieli 4 biex jghinu fil-kcina. Minkejja dan, ix-xhud qal l-affarijiet gieli tjiebu u gielu regghu lura ghal li kienu f'dan l-istess perjodu ta' xahar minn Jannar sa Frar. Ix-xhud qal li qiesx l-osservazzjonijiet tar-rikorrent bhala kritika imma bhala komunikazzjoni biex jitjiebu l-affarijiet biex il-problema tissolva, imma qal ukoll li kienu waslu f'punt fejn ma kienx hemm aktar x'jittejjeb. Ix-xhud ma setghax jikkonferma jekk ir-rikorrent giex introdott ma' dawn is-sistemi li ssemmew fil-laqgha tas-26 ta' Jannar, ghal ewwel darba waqt din l-istess laqgha, jew jekk kienx diga' familjari maghhom u l-laqgha serviet bhala refresher , imma dan ma seghtax jikkonfermah ghax ma kienx impjegat mas-socjeta' meta r-rikorrent ha jew ma hax dan it-tahrig fil-bidu tal-impjieg tar-rikorrent.

Waqt il-kontro-ezami x-xhud ikkonferma li ma hassx li ghandu jtih warning ghax ma hassx li kien lok li jasal s'hemm. Imma xtaq li jikkomunika xi tibdiliet u mhux li jitlef persuna. Xogholu, x-xhud qal li hu li jikkomunika u jirraporta u mhux jaghti warnings. Qal ukoll li d-dati jidhru huma dawk tal-produzzjoni u d-dati ta' skadenza jkunu fuq ir-ricetti. Huwa kkonferma wkoll li ghandu jkun hemm tkeccija f'kaz ta' periklu u ghandu jkun hemm process ta' tkeccija. Liema process ma kienx f'pozizzjoni jghid jekk sarx. Huwa jemmen li ghandu jkun hemm sospensjoni, imma ma kienx jaf jekk kienx sospiz jew tkecciex minghajr sospensjoni. Ikkonferma izda, li r-rikorrent ma rritornax lura ghax xoghol, ghax wara kompliet saret ir-ricerka li ivverifikat li setghux jiehdu aktar riskji.

**Giuseppe Piancamore;** Ix-xhud qal li kien ilu jahdem ghal madwar hames snin u hafna mill-affarijiet tghallimhom hemm. Ix-xhud qal li tant kien tajjeb f'xogholu li nghata rikonoxximent mill-istess socjeta' ntimata. Qal ukoll li qatt ma kellu twissijiet la verbali u wisq anqas bil-miktub. Dejjem ikkopera u dam sa-sieghat bikrin biex inaddaf ghax kien ikun gej l-inspector.

Huwa qal ukoll li d-decizjonijiet tal-Manager ma kienx jaqbel maghhom bhal ordni biex jiffriza kwantita' (100) u dan kontra l-ligi. Ix-xhud irrefera diversi drabi ghar-ritratti bhala provi u d-dati li jgibu, hu ma kellux x'jaqsam maghhom. Spjega b'mod tekniku l-iskadenzi ta' tliet tipi ta' gobon u sahansitra wiehed minnhom kellu jintuza kif jinfetah. Id-dati jirreferu jew mjeta hu kien bil-leave jew meta kien diga tkecca. Huwa semma wkoll nuqqasijiet ohra bhal nuqqas ta' staff u ghodda. Fil-kontro-ezami x-xhud qal li veru Ms. Azzoppardi semmiet l-istandards, imma dawn l-istess standards ma zammewx maghhom u kienu jridu jaghmlu li tideciedi hi. Ix-xhud qal li fil-meeting qaltilhom mod u fil-prattika ordnatilhom mod iehor u l-istandeards ma gewx osservati. Huwa qal li Ms Azzopardi kienet taghti ordnijiet biex jaghmlu zlazi fil-kwantita' u jahznuhom u x-xhud kien jilmenta u hi kienet takkuzah li qed igib l-iskuzi. Huwa kkonferma li veru kien hemm ricetti xi jsegwu miktubin imma d-direzzjoni kienet tinghata bil-fomm. Ms. Azzopardi qaltlu li kien hemm oggetti skaduti u meta hu staqsiha fejn kienu, hi keccietu. Meta sfidaha biex turih l-evidenza hi urietu dati li hu l-anqas kien xoghol.

**Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Maurice Meli** ghan-nom tar-rikorrent beda billi ta stampa ta' min hu r-rikorrent. Huwa qal li s-Sur Pianciamore huwa ragel fl-eta' tal-irtirar u ta' dixxendenza Taljana b'passjoni u namur ghall-arti tal-ikel. Huwa qal ukoll li r-rikorrent, li jaghmel jaghmlu b'passjoni tant li ghal aktar minn darba rebah rikonixximent tax-xahar ghal xogholu. Bhala ezempju Dr. Meli semma incident ckejken imma sinifikattiv ta' meta giet organizzata kompetizzjoni zghira bejn il-koki u hu dahlilha u rebahha meta seta' facilment jitlaq lejn id-dar wara li jintemmu s-sieghat tax-xoghol. Dr Meli qal li ghal aktar minn erba' snin r-rikorrent kien impjegat mas-Socjeta' u qatt ma nghata xi forma ta' twissija. Dr Meli spjega l-irregolarita' li biha tkecca fejn issejjah gol-freezer, post totalment mhux addattat biex bniedem jigi mghajjat mill-Management u minghajr ma nghata cans ikun jaf minn qabel l-akkuza x'inhi u jipprepara mqar difiza, gie mkecci instantanjament. Sa issa, kompla Dr. Meli ma ngabet l-ebda prova ta' xi forma ta' twissija u hu jemmen li l-vera raguni ghala tkecca kienet mhux minhabba xogholu imma ghax kien jitkellem u juri li ma jaqbilx man-nuqqasijiet li kienu qed jitwettqu. Huwa qal ukoll li r-rikorrent seta' ghalaq halqu, ma jghid xejn u ma kienx jitkecca, imma ghax appassjonat f'xogholu tkellem u b'hekk tkecca. Haddiehor, kompla Dr Meli, li ma fetahx halqu u baqa' mpjegat.

**Dr. Tanya Sciberras Camilleri** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata bbazat l-argumenti taghhha li s-Sur Pianciamore ma kienx imexxi r-restaurant imma xogholu kien ta' Prep Line Cook. Hija qalet li hawn qed nirreferu ghal franchise u ghaldaqstant dan huwa punt importantissimu li r-rikorrent ma apprezzahx. Tmur fejn tmur madwar id-dinja, jekk tkun franchise, l-ikel irid ikun ezatt l-istess, sew fi New York u sew Londra. Il-Manager, Ms Azzopardi kienet ghadha gejja minn seminar ta' tliet gimghat training barra minn Malta u kienet enfasizzata l-kwistjoni ta' kwalita'. Dawn l-istandards, spjegat Dr. Sciberras Camilleri, kienu impost minn barra minn Malta. Dr. Sciberras Camilleri qalet li hawn ghandna kaz ta' prodotti skaduti u insubordinazzjoni. Hija qalet ukoll li fil-fatt ir-rikorrent kien b'kuntratt definit li kien se jigi fi tmiemu xahrejn u nofs ezatt wara li tkecca. Hija qalet li s-Socjeta' kienet taf tehles minnu fi ftit gimghat b'mod awtomatiku ma' tmiem il-kuntratt, u tevita' li tasal s'hawn, imma xorta hasset li kellu jitkecca.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ried jistabbilixxi jekk dak li allegatament sofra l-Appellant u li jinkwadra mat-tmiem ta' l-impieg tieghu effettivament hijiex gustifikabbli taht Artikolu 36(14) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tenut kont ta' ghaxar fatturi migjuba bi provi waqt is-smiegh tal kaz, cjoe;

Li l-esponent qatt ma nghata ebda forma ta' twissija bil-miktub, imma dejjem inghata twissijiet verbali u finalment gie mkecci fit- 22 ta' Frar tas-sena 2016

Li l-kuntratt tax-xoghol jelenka fost affarijiet ohra li jekk impjegat jinstab hati ta' negligenza ta' kif ghandu jwettaq d-doveri tieghu skont l-istess ftehim, jimmerita terminazzjoni tal-kuntratt. Minkejja dan, it-Tribunal ihoss li din il-klawsola hija kemm xejn ambigwa u ma tispecifikax ezatt x'qed tinkwadra.

Li saret laqgha ghall-haddiema/kitchen staff meeting li fiha kulhadd gie mgharraf bin-nuqqasijiet ta'diversi persuni u mhux mir-rikorrent biss, u ghal xahar piu o meno minn wara din il-laqgha, fuq osservazzjonijiet ta' l-istess rikorrent l-affarijiet bdew jemeljoraw u rrangati diversi nuqqasijiet minn naha tas-socjeta' stess, biex ix-xoghol ikun jista' jsir kif tixtieq l-istess socjeta'.

Li dan kien l-istess xahar li matulu kien qed jigi attwat dak li l-istess rikorrent kien issugerixxa u li qed jigi allegat li fih wera nuqqas ta' ubidjenza u li ma osservax struzzjonijiet u direttivi mid-dirigenti tas-socjeta'.

Li mill-provi hareg ukoll li kien hemm persuni ohra li ddecidew li jtemmu l-impjieg taghhom minn mas-socjeta' in vista tar-regolamenti u l-esigenzi tas-socjeta' m'ghogbuhomx, jew kif inhu tal-fehma dan it-tribunal, ma ntlahqux, jew cioe ma seghtux jintlahqu

Li fil-kaz tar-rikorrent kienet tkeccija instantanja, minghajr sospenssjoni jew xi forma ta' process dixxiplinarju,

Li s-socjeta' kkonfermat li m'ghandha l-ebda ftehim kollettiv imma f'kaz ta' dixxiplina timxi mal-Ligi u jinhargu t-twissijiet;

Li fil-kaz tar-rikorrent dan kollu ma sarx imma seminar li sar ghall-haddiema kollha, gie meqjus bhala twissija ghar-rikorrent;

Li l-ghagir li nstiga t-tkeccija veru u proprju, dan it-Tribunal ihoss li gej mill-fatt li r-rikorrent qabez ghad-drittijiet tieghu u spiss ilmenta dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol u l-mod u manjiera illi s-socjeta' intimata kienet tiggestixxi l-lok ta' mjpieg tar-rikorrent

Li meta gie tterminat mill-impjieg ir-rikorrent kien fadallu xahrejn u nofs biex jigi fi tmiemu l-Kuntratt definit li bih kien impjegat.

**Decizjoni**

Dan it-Tribunal ihoss li f'dan il-kaz fil-fatt ma kien hemm l-ebda forma ta' kaz dixxiplinarju serju li seta' jwassal ghat-temm tal-impjieg tar-rikorrent. Huwa sewwa u xieraq kif jishaq Selwyn li persuna li se jintemmilha l-impjieg fuq kaz ta' dixxiplina, ghandha bl-aktar mod idoneju tkun mgharrfa minn qabel bl-akkuza u tinghata cans tipprepara difiza ghaliha nnifisha.

Dan kollu ma sehhx f'dan il-kaz u dan it-Tribunal jishaq ukoll l-importanza ta' zamma ta' evidenza ta' twissijiet kemm verbali u kemm bil-miktub. Liema evidenza ma waslet qatt quddiem dan it-Tribunal. Gie nnutat ukoll li x-xahar li ssemma fix-xhieda min-naha tas-Socjeta' ntimata, li kien ix-xahar li fih allegatament r-rikorrent baqa' jwebbes rasu u ma jikkoperax, kien l-istess xahar li l-kumpanija imponiet fuqha nnifisha biex jitjiebu l-affarijet bhal bl-uzu ta' ghodda gdida u mehtiega li kienet nieqsa u zieda fir-rizors uman. Dawn it-tibdiliet ghall-avanz tal-kumpanija kienu fil-fatt irrakkomandati mill-istess rikorrent. Dan it-Tribunal mill-provi u evidenza jidher li r-rikorrent ma kellu l-ebda involviment fin-negligenza li hu tkecca minhabba fiha, anzi jirrizulta lil dan it-Tribunal li kien promotur tal-istandards stabbiliti mill-kumpanija.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-tkeccija mill-impjieg tar-rikorrent ma kinitx ghal raguni gusta u suficjenti u jordna li jerga' jigi ngaggat. Izda, minhabba l-fatt li r-rikorrent issa huwa rtirat, bhala sostituzzjoni ta' re-ingaggar jordna li jigi moghti lilu mis-Socjeta' ntimata l-hlas kollu dovut lilu mid-data tat-tkeccija sat-tmiem tal-kuntratt daqs li kieku kien ghadu mpjegat.

Ghal fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal jiffissa s-somma ta' tlieta u desghin ewro u sbatax - il centezmu (€93.17).

Ai termini tal-Artiklu 78(1) tal-Kap 452 t-Tribunal jiddikjara li minhabba n-numru tas-seduti u differimenti ma kienx possibbli li l-kaz jinstama' u jinqata' fi zmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**(iffirmat)**

**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**